

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/2013**tal-21 ta' Awwissu 2020****li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' miżuri tekniċi għal ċertu sajd demersali u pelagiċu fil-Baħar tat-Tramuntana u fl-Ilmijiet tal-Lbiċ**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 2(2), 10(4) u 15(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Fl-14 ta' Awwissu 2019 daħal fis-seħħ regolament ġdid dwar il-miżuri ta' konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, jiġifieri r-Regolament (UE) 2019/1241. Dan jistabbilixxi lista ta' speċijiet ipprojbiti fl-Anness I, dispożizzjonijiet speċifiċi rigward miżuri tekniċi stabbiliti fil-livell reġjonali għall-Baħar tat-Tramuntana fl-Anness V, u dispożizzjonijiet speċifiċi rigward miżuri tekniċi stabbiliti fil-livell reġjonali għall-Ilmijiet tal-Lbiċ fl-Anness VII.
- (2) L-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) 2019/1241 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 15 u mal-Artikolu 29 biex temenda dan ir-Regolament billi tistabbilixxi li d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Artikolu 13 jew il-partijiet A jew C tal-Annessi V sa X japplikaw ukoll għas-sajd rikreattiv.
- (3) L-Artikolu 10(4) tar-Regolament (UE) 2019/1241 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 29 biex temenda l-lista ta' speċijiet ipprojbiti, stabbilita fl-Anness I.
- (4) L-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2019/1241 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 29 ta' dan ir-Regolament u mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ biex temenda, tissupplimenta, tħassar jew tidderoga mill-miżuri tekniċi stabbiliti fl-Annessi għar-Regolament (UE) 2019/1241, inkluż meta jiġi implimentat l-obbligu ta' ħatt l-art.
- (5) L-Anness I jistabbilixxi l-lista ta' speċijiet ipprojbiti. L-Anness V u l-Anness VII tar-Regolament (UE) 2019/1241 jistabbilixxu miżuri tekniċi speċifiċi għall-Baħar tat-Tramuntana u għall-Ilmijiet tal-Lbiċ, rispettivament.
- (6) Il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, Franza, in-Netherlands u l-Iżvezja għandhom interess ta' ġestjoni tas-sajd dirett fil-Baħar tat-Tramuntana. Wara li kkonsultaw mal-Kunsill Konsultattiv għall-Baħar tat-Tramuntana u mal-Kunsill Konsultattiv għas-Sajd Pelagiċu, fl-4 ta' Mejju 2020, daww l-Istati Membri ppreżentaw rakkomandazzjoni konġunta lill-Kummissjoni għal att delegat.
- (7) Il-Belġju, Spanja, Franza, in-Netherlands u l-Portugall għandhom interess ta' ġestjoni tas-sajd dirett fl-Ilmijiet tal-Lbiċ. Wara li kkonsultaw mal-Kunsill Konsultattiv għall-Ilmijiet tal-Lbiċ u mal-Kunsill Konsultattiv għas-Sajd Pelagiċu, fl-4 ta' Mejju 2020, daww l-Istati Membri ppreżentaw rakkomandazzjoni konġunta lill-Kummissjoni għal att delegat.
- (8) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jinkorpora f'att wieħed id-dispożizzjonijiet eżistenti dwar miżuri tekniċi li fil-passat kienu adottati bħala parti mill-pjanijiet għall-iskartar tal-ħut għall-Baħar tat-Tramuntana u għall-Ilmijiet tal-Lbiċ, u miżuri tekniċi proposti ġodda.

⁽¹⁾ ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċizzjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

- (9) Abbażi tal-informazzjoni li taw l-Istati Membri, il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) ivvaluta b'mod pożittiv l-evidenza pprovduta mill-gruppi reġjonali b'appoġġ għall-miżuri tekniċi inklużi fiż-żewġ rakkomandazzjonijiet konġunti ⁽³⁾.
- (10) Il-miżuri inklużi f'dan ir-Regolament ġew evalwati f'konformità mal-Artikoli 2(2), 10, 15 u mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2019/1241. L-evidenza li pprovdew l-Istati Membri turi li l-proposti huma konformi mal-Artikolu 15(4) u (5) tar-Regolament (UE) 2019/1241.
- (11) Il-Grupp ta' Esperti għas-Sajd ġie kkonsultat dwar ir-rakkomandazzjoni konġunta fit-28 ta' Lulju 2020. Il-Parlament Ewropew attenda l-laqgħa bħala osservatur.
- (12) Ir-rakkomandazzjoni konġunta li ppreżentaw l-Istati Membri li għandhom interess fil-Baħar tat-Tramuntana (rakkomandazzjoni konġunta NS) tissuġġerixxi li l-awwista mimlija bil-bajd tiġi inkluża fil-lista ta' speċijiet fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1241 li għalihom hemm projbizzjoni għas-sajd, iż-żamma abbord, it-trażbord, il-ħatt l-art, il-ħażna, il-bejgħ, il-wiri jew l-offerta għall-bejgħ. L-STECF analizza l-evidenza ppreżentata mill-Istati Membri u kkonkluda li hemm evidenza konvinċenti li tappoġġa l-introduzzjoni ta' din il-miżura. L-STECF innota li ttieħdu miżuri simili f'żoni oħra u dawn ipproduċew benefiċċji ekonomiċi fit-tul minn żieda fil-ħatt l-art tal-awwista minħabba l-irkupru tal-istokk. Għalhekk, jenħtieġ li l-miżura proposta tiġi inkluża f'dan ir-Regolament.
- (13) Ir-rakkomandazzjoni konġunta NS tissuġġerixxi żieda fid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni tal-awwista Ewropea fiż-żona ekonomika esklussiva (EEZ) Żvediża fid-diviżjoni 3a tal-ICES. L-STECF indika li minkejja li ma kien hemm l-ebda evidenza speċifika għal din it-talba, il-miżura tirrappreżenta żieda fid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni. B'miżura bħal din, l-istokk se jiġi sfruttat b'intensità aktar baxxa, b'benefiċċji sussegwenti ovvjgħi għall-konservazzjoni tal-istokk. Għalhekk jenħtieġ li l-miżura proposta tiġi inkluża f'dan ir-Regolament.
- (14) Ir-rakkomandazzjoni konġunta NS tissuġġerixxi wkoll li jiġi armonizzat id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni tal-ispnott maqbud fis-sajd rikreattiv fid-diviżjoni 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES bid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni tal-ispnott għas-sajd kummerċjali, kif inkluż fil-paragrafu 5 tal-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 ⁽⁴⁾. L-STECF innota fir-rapport 20-04 tiegħu li s-sajd rikreattiv jikkontribwixxi għall-mortalità ġenerali tas-sajd u għalhekk l-applikazzjoni tad-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni kemm għas-sajd kummerċjali kif ukoll għas-sajd rikreattiv hi miżura ta' ġestjoni pożittiva. Għalhekk jenħtieġ li l-miżura proposta tiġi inkluża f'dan ir-Regolament.
- (15) Ir-rakkomandazzjoni konġunta NS tissuġġerixxi li jitkomplew għadd ta' miżuri tekniċi addizzjonali maqbula bejn l-Unjoni u n-Norveġja fl-2011 ⁽⁵⁾ u fl-2012 ⁽⁶⁾. Uħud minn dawn il-miżuri tekniċi speċifiċi diġà ġew inklużi fl-Anness V tar-Regolament (UE) 2019/1241, oħrajn ġew inklużi skont l-Artikolu 15(5)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għas-snin 2019-2021 fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2238 ⁽⁷⁾. Dawn il-miżuri għandhom l-għan li jżidu s-selettività u jnaqqsu l-qabdiet mhux mixtieqa għas-sajd jew għall-ispeċijiet koperti mill-obbligu tal-ħatt l-art u jenħtieġ jiġu inkorporati fl-Anness V tar-Regolament (UE) 2019/1241. Għalhekk jenħtieġ li dawn il-miżuri jiġu inklużi f'dan ir-Regolament.

⁽³⁾ <https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2694823/STECF+20-04+-+Eval+JRs+LO+and+TM+Reg.pdf>, il-paġni 165-169 (il-Baħar tat-Tramuntana) u 219-220 (l-Ilmijiet tal-Lbiċ).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 tas-27 ta' Jannar 2020 li jiffissa l-opportunitajiet ta' sajd għall-2020 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 25, 30.1.2020, p. 1).

⁽⁵⁾ Rekord maqbul ta' konsultazzjonijiet dwar is-sajd bejn in-Norveġja u l-Unjoni Ewropea dwar ir-regolazzjoni tas-sajd fi Skagerrak u Kattegat għall-2012.

⁽⁶⁾ Rekord maqbul ta' konsultazzjonijiet dwar is-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u n-Norveġja dwar miżuri għall-implimentazzjoni ta' projbizzjoni fuq l-iskartar u miżuri ta' kontroll fiż-żona ta' Skagerrak, l-4 ta' Lulju 2012.

⁽⁷⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2238 tal-1 ta' Ottubru 2019 li jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art għal ċerti tip ta' sajd demersali fil-Baħar tat-Tramuntana għall-perjodu mill-2020 sal-2021 (UE) 2019/2238 (ĠU L 336, 30.12.2019, p. 34).

- (16) Ir-rakkomandazzjoni konġunta NS tissuġġerixxi wkoll il-kontinwazzjoni tal-użu ta' xbieki SepNep permessi mir-Regolament Delegat (UE) 2019/2238. L-STEFCF ikkonkluda li l-informazzjoni ppreżentata kienet dettaljata u kredibbli, u tipprovdi evidenza ġustifikattiva tal-effettività tas-SepNep. L-apparat ġie analizzat mill-STEFCF fis-snin preċedenti u l-konklużjoni tiegħu tibqa' valida ⁽⁸⁾. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta, l-STEFCF ikkonkluda wkoll li s-SepNep hu konformi mal-Artikolu 15(5) tar-Regolament (UE) 2019/1241 bħala apparat ta' selettività ekwivalenti fil-kuntest tad-dispożizzjonijiet tekniċi stabbiliti għas-sajd dirett għall-awwisti (Nephrops) u mhux se jwassal għal deterjorament tal-istandards ta' selettività. Għalhekk jenħtieġ li l-miżura tiġi inkluża f'dan ir-Regolament.
- (17) Ir-rakkomandazzjoni konġunta NS tissuġġerixxi wkoll għeluq staġunali għas-sajd kummerċjali u rikreattiv għall-awwista Ewropea fiż-żona ekonomika esklussiva (EEZ) Żvedija fid-diviżjoni 3a tal-ICES. L-STEFCF analizza l-evidenza li taw l-Istati Membri u nnota li, għalkemm ma nġhatat l-ebda informazzjoni ġustifikattiva speċifika li tippermetti l-kwantifikazzjoni tal-benefiċċju potenzjali tagħha, il-miżura se tirrappreżenta tnaqqis fil-mortalità mis-sajd, li aktarx iħalli benefiċċji pożittivi fuq l-istokkijiet tal-awwista flimkien mal-miżuri l-oħra proposti. Għalhekk jenħtieġ li l-miżura proposta tiġi inkluża f'dan ir-Regolament.
- (18) Ir-rakkomandazzjoni konġunta NS tissuġġerixxi projbizzjoni fuq is-sajd għall-awwisti bi rkapti oħra għajr in-nases tal-awwisti fiż-żona ekonomika esklussiva (EEZ) Żvedija fid-diviżjoni 3a tal-ICES. L-STEFCF ikkonkluda li, għalkemm ma nġhatat l-ebda informazzjoni ġustifikattiva speċifika li tippermetti l-kwantifikazzjoni tal-benefiċċju potenzjali tagħha, il-projbizzjoni fuq l-użu tal-għeżula għall-immirar għall-awwista u għaċ-ċkal kellha effetti pożittivi f'żoni oħrajn u li l-miżura aktarx tħalli benefiċċji pożittivi fuq l-istokkijiet tal-awwista. Għalhekk jenħtieġ li din il-miżura tiġi inkluża f'dan ir-Regolament.
- (19) Ir-rakkomandazzjoni konġunta li ppreżentaw l-Istati Membri li għandhom interess fl-ilmijiet tal-Lbiċ (rakkomandazzjoni konġunta SWW) tissuġġerixxi li jinżamm id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni tas-sawrell maqbud minn sajd artiġjanali żgħir fir-reġjun ta' Xávega fid-diviżjoni 8c u fis-subżona 9 tal-ICES, li bħalissa huwa inkluż fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1394/2014 ⁽⁹⁾. L-STEFCF irrefera għall-valutazzjoni preċedenti tiegħu li tivvaluta din il-miżura b'mod pożittiv u kkonkluda ⁽¹⁰⁾ li, bil-kundizzjonijiet stipulati fir-rakkomandazzjoni konġunta, il-proposta aktarx li ma kinitx tbiddel ix-xejra storika tal-isfruttament tal-istokk. Minħabba li l-kundizzjonijiet ta' din it-talba ma nbidlux u minħabba li l-STEFCF innota li x-xejra tal-isfruttament kienet ilha stabbli għal mill-inqas għoxrin (20) sena, jenħtieġ li għalhekk din il-miżura tiġi inkluża f'dan ir-Regolament.
- (20) Ir-rakkomandazzjoni konġunta SWW tissuġġerixxi li jiġi armonizzat id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni tal-ispeċijiet li ġejjin maqbuda fis-sajd rikreattiv fl-ilmijiet tal-Lbiċ bid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni applikabbli għas-sajd kummerċjali: merluzz tal-linja sewda, pollakkju iswed, pollakkju, merluzz, megrim, barbun tat-tbajja', lingwata komuni, merlangu, ħaxixet il-mikinsa, linarda, kavalli, aringi, sawrell, inċova u sardin. Ir-rakkomandazzjoni konġunta tissuġġerixxi daqsijiet minimi akbar ta' referenza għall-konservazzjoni tal-bakkaljaw, tal-paġella ħamra u tal-ispnott għas-sajd rikreattiv. L-STEFCF analizza l-evidenza pprovduta u kkonkluda ⁽¹¹⁾ li minħabba li s-sajd rikreattiv jikkontribwixxi għall-mortalità ġenerali mis-sajd, l-applikazzjoni tad-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni kemm għas-sajd kummerċjali kif ukoll għas-sajd rikreattiv hi miżura ta' ġestjoni pożittiva. Għalhekk jenħtieġ li din il-miżura tiġi inkluża f'dan ir-Regolament.
- (21) Għalhekk, biex jiġu ottimizzati x-xejriet tal-isfruttar, tiżdied is-selettività tal-irkaptu u jitnaqqsu l-qabdiet mhux mixtieqa, jixraq jiġu adottati l-miżuri tekniċi li ppreżentaw l-Istati Membri.
- (22) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament iħallu impatt dirett fuq l-ippjanar tal-istaġun tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni u fuq l-attivitajiet ekonomiċi relatati, għalhekk jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ minnufih wara l-pubblikazzjoni tiegħu. Minħabba li ċerti miżuri tekniċi adottati bħala parti mill-pjanijiet għall-iskartar jiskadu fi tmiem l-2020, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mill-1 ta' Jannar 2021,

⁽⁸⁾ <https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/1710831/STECF+17-08+-+Evaluation+of+LO+joint+recommendations.pdf>

⁽⁹⁾ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1394/2014 tal-20 ta' Ottubru 2014 li jistabbilixxi pjan tar-rimi għal ċertu sajd għal ħut pelagiġu fl-ilmijiet tal-Lbiċ. ĠU L 370, 30.12.2014, p. 31-34.

⁽¹⁰⁾ <https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/1471816/STECF+16-10+-+Evaluation+of+LO+joint+recommendations.pdf>, paġni 86-87.

⁽¹¹⁾ <https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2660523/STECF+PLEN+20-01.pdf>, paġni 154-155.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2019/1241 jiġi emendat kif ġej:

(1) Fl-Anness I, jiżdied il-punt li ġej:

“(q) awwista Ewropea femminili mimlija bil-bajd (*Homarus gammarus*) fid-diviżjonijiet 3a, 4a u 4b tal-ICES”;

(2) L-Anness V jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-Parti A tiġi emendata kif ġej:

(i) Tiżdied l-entrata li ġejja fit-tabella:

“awwista Ewropea (<i>Homarus gammarus</i>)	90 mm (tul tal-Karapaċa) fiż-żona ekonomika esklussiva Żvediża fid-diviżjoni 3a tal-ICES”
--	---

(ii) Jiddaħħal il-punt li ġej taħt it-tabella:

— “1. Id-daqsijiet minimi ta’ referenza għall-konservazzjoni speċifikati f’din il-Parti għall-ispnott (*Dicentrarchus labrax*) fil-Baħar tat-Tramuntana u għall-awwista Ewropea (*Homarus gammarus*) fiż-żona ekonomika esklussiva Żvediża fi Skagerrak u Kattegat (id-diviżjoni 3a tal-ICES) għandhom japplikaw għas-sajd rikreattiv.”;

(b) Jiżdiedu l-punti li ġejjin fil-Parti B:

— “1.3. B’deroga mill-ispeċifikazzjonijiet fit-tabella, jista’ jintuża apparat għaż-żamma tal-ħut fis-sajd tal-gambli tat-Tramuntana fi Skagerrak (id-diviżjoni 3a tal-ICES), sakemm ikun hemm opportunitajiet tas-sajd adegwati biex ikopru l-qabdiet inċidentali u l-apparat għaż-żamma jkun:

— mibni b’panell ta’ fuq b’malji kwadri b’daqs minimu tal-malja ta’ 120 mm;

— twil mill-inqas 3 metri; u

— wiesa’ mill-inqas daqs il-gradilja selettiva.

— 1.4. L-użu ta’ SepNep ** kif imsemmi fl-Anness I ta’ dan ir-Regolament għandu jkun permess bħala apparat ta’ selettività ekwivalenti fis-sajd dirett għall-iskampu (*Nephrops norvegicus*);

** “SepNep” tfisser xibka tat-tkarkir bid-diriġenti li:

— tkun mibnija b’medda tad-daqs tal-malja ta’ 80 sa 99 + $\geq$ 100 mm;

— tkun armata b’ħafna manki b’daqsijiet tal-malja li jvarjaw minn mill-inqas 80 mm sa 120 mm, li jkunu mqabbdin ma’ biċċa waħda ta’ estensjoni, u l-manka ta’ fuq nett ikollha daqs tal-malja ta’ mill-inqas 120 mm u tkun armata b’panell ta’ separazzjoni li jkollu daqs massimu tal-malja ta’ 105 mm; u

— barra minn hekk, tista’ tkun armata bi gradilja selettiva fakultattiva bi spazju tal-vireg ta’ mill-inqas 17 mm, sakemm tkun mibnija b’tali mod li tippermetti li jaħarbu l-iskampi ż-żgħar;”

(c) Jiżdied il-punt li ġej mal-Parti C:

“7. Miżuri dwar l-awwista Ewropea fid-diviżjoni 3a tal-ICES

7.1. Fiż-żona ekonomika esklussiva Żvediża tad-diviżjoni 3a tal-ICES, is-sajd għall-awwista Ewropea (*Homarus gammarus*) jista’ jsir biss bin-nases tal-awwisti (FPO).

In-nassa tal-awwisti għandu jkollha mill-inqas żewġ fetħiet ċirkolari għall-ħrib b’dijametru ta’ mill-inqas 60 mm fil-parti ta’ isfel ta’ kull kompartment tan-nassa tal-awwisti. L-awwista li tinqabad b’mod aċċidentali bi rkaptu tas-sajd ieħor ma għandux issirilha ħsara u għandha tinħeles lura fil-baħar mill-aktar fis.

7.2. Għandhom jiġu pprojbti s-sajd, iż-żamma abbord, it-trażbord u l-ħatt l-art tal-awwista Ewropea (*Homarus gammarus*) fiż-żona ekonomika esklussiva Żvediża tad-diviżjoni 3a tal-ICES:

(a) fis-sajd kummerċjali tul il-perjodu mill-1 ta’ Jannar sal-ewwel Tnejn wara l-20 ta’ Settembru;

(b) fis-sajd rikreattiv tul il-perjodu mill-1 ta’ Diċembru sal-ewwel Tnejn wara l-20 ta’ Settembru.

Meta jinqabdu b’mod aċċidentali tul dawn il-perjodi, l-eżemplari tal-awwista Ewropea ma għandux issirilhom ħsara u għandhom jinhelesu lura fil-baħar mill-aktar fis.”;

(3) Il-Parti A tal-Anness VII tiġi emendata kif ġej:

(a) Fin-nota 7 ta' qiegħ il-paġna, l-ewwel sentenza tiġi sostitwita b'din li ġejja:

"Id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni tas-sawrell (*Trachurus spp.*) maqbud fid-diviżjoni 8c tal-ICES u fis-subżona 9 tal-ICES għandu jkun ta' 12 cm għal 5 % tal-kwoti rispettivi ta' Spanja u tal-Portugall f'dawk iż-żoni. Fil-limitu ta' 5 %, fis-sajd bit-tartarun fix-xtajta artiġjanali ta' xávega fid-diviżjoni 9a tal-ICES, 1 % tal-kwota tal-Portugall jistgħu jinqabdu taħt id-daqs ta' 12 cm.";

(b) Jiżdied il-punt li ġej taħt it-tabella:

"1. Id-daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni speċifikati f'din il-Parti tal-merluzz tal-linja sewda (*Melanogrammus aeglefinus*), tal-pollakkju iswed (*Pollachius virens*), tal-pollakkju (*Pollachius pollachius*), tal-merluzz (*Merluccius merluccius*), tal-megrim (*Lepidorhombus spp.*), tal-lingwata (*Solea spp.*), tal-barbun tat-tbajja' (*Pleuronectes platessa*), tal-merlangu (*Merlangius merlangus*), tal-ħaxixet tal-mikinsa (*Molva molva*), tal-linarda (*Molva dipterygia*), tal-kavalli (*Scomber spp.*), tal-aringi (*Clupea harengus*), tas-sawrell (*Trachurus spp.*), tal-inċova (*Engraulis encrasicolus*) u tas-sardin (*Sardina pilchardus*) għandhom japplikaw għas-sajd rikreattiv fl-Ilmijiet tal-Lbiċ. Madankollu, id-daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni li ġejjin għandhom japplikaw fis-subżona 8 tal-ICES għall-ispeċijiet li ġejjin maqbuda fis-sajd rikreattiv:

Bakkaljaw (<i>Gadus morhua</i>)	42 cm
Paġella ħamra (<i>Pagellus bogaraveo</i>)	40 cm
Spnott (<i>Dicentrarchus labrax</i>)	42 cm"

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ mill-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.


Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Awwissu 2020.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

Speċifikazzjonijiet tal-irkaptu SepNep**Manka ta' fuq (manka tal-ħut)**

- Fetħa minima tal-malja ta' 120 mm (bejn l-għoqiedi)
- Tondjatura massima tal-malja 80 (inkluż il-haxxiet)

Manka ta' isfel (manka tan-Nephrops)

- Fetħa minima tal-malja ta' 80 mm (bejn l-għoqiedi)
- Tondjatura massima tal-malja 110 (inkluż il-haxxiet)

Panell ta' separazzjoni

- Il-panell ta' separazzjoni jenħtieġ jitwaxxal mal-materjal kollu tax-xibka tat-tkarkir ħalli l-uniku mod biex il-ħut/Nephrops jidħlu fil-kompartiment ta' isfel tax-xibka tat-tkarkir ikun billi jgħaddu mill-malji tal-panell. Il-panell jenħtieġ jiggwida lill-individwi l-kbar lejn id-daħla tal-manka ta' fuq tal-ħut. Il-bidu tal-panell jenħtieġ ikun imqabbad mal-qafas tat-tkarkir.
- Fetħa massima tal-malja ta' 105 mm (bejn l-għoqiedi)
- Tul minimu tal-malji 100# tal-panell
- Xifer ta' wara tal-panell, wisa' massimu tal-malja 16#
- Ix-xifer ta' quddiem tal-panell jenħtieġ ikollu wisa' massimu ta' 88 % tal-wisa' tax-xibka tat-tkarkir. Dan hu daqs pereżempju 2 malji tal-panell (105 mm) fuq 3 malji tat-tkarkir (80 mm).

o Dyneema b'għoqiedi doppji rrakomandata għal panell b'funzjonament effiċjenti

o Sufruni meħmuża mal-panell jgħollu l-parti ta' quddiem billi jtejbu l-effiċjenza tat-tgħarbil għan-Nephrops

Gradilja (fakultativa)

- Il-gradilja jenħtieġ titwaħħal mal-manka kollha jew mal-materjal tax-xibka ta' estensjoni madwar il-gradilja, u b'hekk tkun evitata kull forma ta' dħul liberu mill-manka ta' isfel minbarra mill-fetħiet ta' fuq tal-gradilja.
- Spazju minimu bejn il-vireg ta' 17 mm
- L-angolu tal-gradilja jenħtieġ ikun bejn 40 u 90 grad, iżda 45 hu rrakkomandat.
- Id-dħul mill-manka ta' isfel jenħtieġ ikun fuq il-parti ta' fuq tal-gradilja.
- Il-fetħa vertikali tal-gradilja għall-manka ta' isfel jenħtieġ tkun sa 35 % tat-tul kombinat tal-fetħiet vertikali tal-vireg u l-ftuħ tal-manka ta' isfel.
- Ħbula tal-purtieri ponderati (72gr/m, b'dijamtru ta' 6 mm) huma konnessi mal-parti ta' fuq tal-estensjoni jew mal-manka, u jenħtieġ ikunu mill-inqas 4 malji qabel il-parti tal-qiegħ tal-gradilja.
- Il-ħbula tal-purtieri ponderati jenħtieġ jiġu estiżi sa ma jilħqu l-vireg ta' isfel tal-gradilja.

